# IL-BALLATA TAL-ĠENNIENA

Ta' Dun Frans. Camilleri *(Hortus)*

Titla' mixtieqa x-xemx u, sa fl-għaxija
Tarmi fuq rasna u fuq il-ward id-dija.

Minn bejn is-siġar twal, sbejħa u ferħana
Narawha tielgħa, tielgħa, kollha mżejna :
U kif tar'hom tidħak lil fjuri tagħna
U togħxa, imbagħ'd, fuq il-larinġ tal-ġnejna.
Lilna tidħkilna wkoll : imbagħ'd b'għajnejna
Nilmħu tal-ward u l-frott l-ilwien xemxija.

Madwarna jiġu l-ħbieb, mill-ġmiel imħajra
Tal-ward u tal-larinġ : u qalb il-ħdura
Bla xeba' jiggerrew, b'qalbhom imtajra.
U x'ħin ix-xemx tkun nieżla qalb il-ħmura
Jixtiequ jibqgħu magħna : u jerġgħu lura
B'idejhom bil-larinġ u l-ward mimlija.

Iż-żgħażagħ jiġru 'l hawn : u lkoll tismagħhom
Jqabblu l-ward : liem'hi l-iżjed sabiħa
Ħadd minnhom ma jaf igħid għax il-ġmiel tagħhom
Tarah dejjem iżid aktar ma l-fwiħa
Tiftaħlek qalbek. Hekk, bil-qalb mistrieħa
Fi ġmiel il-ward, titgħaxxaq iż-żgħożija.

Min igħożż il-qronfol aħmar, mimli fwejjaħ,
Min jiftaħ qalbu biss mat-tulipani;
Oħrajn li jħobbu l-ġmiel flimkien mar-rwejjaħ,
Jaqtgħu mill-ward tax-xewk, sabiħ, ħamrani.
Imbagħ'd jitlaq kulħadd mill-ward xewqani
Għax tinsa l-qalb fil-ward l-hemm u t-tbatija.

U meta jkun qe'd jidlam, sewwa sewwa,
Tar'hom ġejjin bil-mod... it-tfal nibbiexa.
Xi ftit igħassu fil-bieb, oħrajn 'il ġewwa
Jaqbżu mgħaġġlin: imbagħ'd tinstema' rxiexa
Fis-siġar tal-larinġ... u t-tfal nibbiexa
Igħibu lkoll ferħanin: hekk hi t-tfulija.

Mhux dejjem mgħobbijin is-siġar tagħna
B'larinġ u mandolin; iżda mal-ħdura,
Il-lewlu wkoll sabiħ taż-żah'r bajdana
Li jiftħu lkoll flimkien, donnhom għajjura
Għall-kwiekeb, kollha ġmiel, meta n-natura
Tifrex il-ġawhar mas-smewwiet miksija.

U ż-żah'r iżid mal-ġmiel tal-ward il-fwiħa
Li tarmi kullimkien, bi ħlewwa wtieqa,
Taħlit ta' rwejjaħ li, fil-qalb ferrieħa,
Jinżlu bħall-balzmu; u minn ġe' qalb mixtieqa
Minn ħlewwiet il-faraġ, iwarrbu d-dieqa
Biex tibqa' biss il-qalb fil-ward mehdija.

'Mma l-ward ilewwen dejjem qalb il-weraq
B'ilbies sabiħ u mżewwaq, mimli ħajja.
Xi wħud jiftħu fix-xemx, oħrajn fil-beraq
Ibexxqu ġmielhom lejn id-dawl bi qtajja';
U lkoll tar'hom sbejħin, bla qatt ma tgħajja,
Huġġieġa kollha lwien jaqbżu fid-dija.

Imbagħ'd l-agħsafar sbieħ, bi lwien ferħana,
Jibdew jittajru, bla jgħajjew, fil-ġnejna
Flimkien maż-żgħażagħ u t-tfajliet kotrana.
U dlonk jinstema' jidwi ġe' widnejna
Il-għana w it-tpespis, li jasal ħdejna
Imħallat mal-fwejħat tal-ward għaxqija.

U ħbiebna wkoll il-friefet, ħfief u sbejħa,
Igħaddu mgħaġġlin; imbagħ'd, bla ma tismagħhom,
Jieqfu fuq warda biex ixommu l-fwejħa;
U xħin iqabblu lwienha sbieħ ma' tagħhom,
Taħsibhom warda ġdida... u t-tnejn tilmaħhom
Jinħabbu biss bi lwienhom bellusija.

Hekk igħaddu ferħanin ġe' din il-ġnejna,
Minn qalb il-ward u l-frott—li jgħum ġol-ħdura—
Il-ħbieb maħbuba. U qatt ma jixbgħu ħdejna,
Għax aħna 'l-ħbieb ma nħalluhomx maħqura
Jekk xewqthom taqa' fuq il-frott misjura
Jew fuq il-ward sabiħ, miftuħ fid-dija.

Imm'aħna, dejjem hawn, b'dal-ġmiel u l-fwiħa
Nitgħaxxqu qalb il-ward li jiftaħ magħna,
U l-ġmiel narawh iżid fl-ilwien u r-riħa.
U x-xemx ma tixba' qatt fil-ġnejna tagħna:
'Mma x'ħin imiss 'il-lejl, tħares ħamrana...
Imbagħ'd titlaq minn hawn dounha mbikkija.